MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 2652/1999/1

**Pawlu Buttigieg**

**vs**

**Dr. Tania Sciberras Camilleri u P.L. Madeline Firman li b' dikriet tal-4 ta' Jannar 2000 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-astiment bl-isem gharbi jew l-ekwivalenti bl-alfabett malti En Nuflija b'numru tar-registrazzjoni 635 ta' kulur ahdar, b'tul ta' circa hamsa u tletin pied b'makna Yanmar 6ChE serial number 01895 u biex jirraprezentaw lil imsiefer Saced Ramadan Geddur u b'dikriet tal-24 ta' Dicembru 1999 il-Kmandant tal-Forzi Armati gie ammess biex jintervjeni f'dawn il-proceduri.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur, Pawlu Buttigieg, ippremetta:

Illi nhar is-17 ta' Mejju 1999 waqt li kien fuq il-bahar bil-luzzu tieghu registrazzjoni numru 332 iltaqa mal-bastiment konvenut fl-inhawi maghrufa bhala ta' 'Ras in-Newwiela' jew ta' 'L-Ikxbiex' taht l-irdumijiet Ta' Cenc fis-Sannat Ghawdex.

Illi l-bastiment konvenut kien qieghed f'diffikultajiet serji, stante li ma kienx gwidat u stante illi l-bahar kien imqalleb sew f'rih ta' bejn forza sitta u forza sebgha, tant illi kien hemm periklu li jeghreq.

Illi l-attur ta' assistenza ta' salvatagg lill-bastiment konvenut b'mod illi salvah minn gharqa certa kif jigi dettaljatament (pruvat) waqt is-smigh ta' din il-kawza.

Illi l-attur sabiex ghamel dan anke sofra xi spejjes fuq id-dghajsa tieghu.

Illi ghalhekk l-attur hu intitolat skond il-ligi sabiex jitlob kumpens ta' salvage minn ghand il-konvenuti kif ukoll jitlob l-ispejjes ta' dawk id-danni sofferti fuq id-dghajsa tieghu.

Illi ricentement irrizulta illi l-bastiment konvenut huwa propjeta' tal-konvenut l-iehor Saeed Ramadan Geddur illi jghix fl-esteru.

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi illi l-attur huwa intitolat ghal kumpens minhabba l-assistenza ta' salvatagg (salvage) resa minnu lil konvenut.

2. Tillikwida dak il-kumpens kollu hekk dovut ghal din l-assistenza ta' salvatagg.

3. Tillikwida il-kumpens ta' l-ispejjes imgarrba minn l-attur sabiex irrenda dan is-salvatagg.

4. Tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu dak il-kumpens u spejjes hekk likwidati.

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f’Gunju 1999 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, u tal-mandat ta’ impediment tas-safar prezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-dikriet taghha (diversament presjeduta) tal-24 ta’ Dicembru 1999 li bih il-Kmandant tal-Forzi Armati gie ammess li jintervjeni f’dawn il-proceduri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri u l-PL Madeline Firman kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-bastiment En Nuflija fejn gie eccepit:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi gew diretti kontra konvenut wiehed li mhux specifikat liema hu, mentri l-kawza giet intavolata kontra zewg konvenuti, cioe’ il-bastiment u l-konvenut l-iehor Saeed Ramadan Geddur.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba attrici jehtieg illi tigi korretta, stante illi qed jintalab illi din il-Qorti tiddeciedi illi l-“konvenut” huwa intitolat ghall-kumpens.

Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri u tal-PL Madeline Firman nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-avukat Dottor Joseph Mario Sammut et nomine fejn gie eccepit li huma mhux edotti mill-fatti u rrizervaw li jecepixxu ulterjorment u

inoltre rrizervaw li jaghmlu dawk l-atti u proceduri kollha li jkunu jinhtiegu, necessarji u permessi mill-ligi wara li jigu edotti mill-fatti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Av. Dottor Joseph Mario Sammut et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat il-verbal taas-seduta tat-8 ta’ Marzu 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenuta Av. Dr. Tanya Sciberras Camilleri et nomine rtirat l-eccezzjonijiet preliminari taghha.

Rat id-dikriet taghha (diversament presjeduta) tal-4 ta’ Mejju 2000 li permezz tieghu gie nominat il-Kaptan Mario Grech bhala espert tekniku sabiex jaghmel valutazzjoni tad-dghajjes meritu ta’ dawn il-proceduri.

Semghet lix-xhud prodott mill-attur.

Rat ir-rapport tal-espert nominat, debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2001.

Semghet lix-xhud prodott mill-konvenuta Av. Dr. Tanya Sciberras Camilleri et nomine.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur.

Rat in-nota responsiva tal-konvenuta Dr. Tanya Sciberras Camilleri et nomine.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

L-attur, Pawlu Buttugiueg, fic-citazzjoni tieghu, jaghmel referenza ghal incident li sehh fis-17 ta’ Mejju 1999 waqt li

hu kien fuq il-bahar bil-luzzu tieghu, registrazzjoni numru 332, u ltaqa mal-bastiment konvenut fl-inhawi ta' 'Ras in-Newwiela' jew ta' 'L-Ikxbiex' taht l-irdumijiet ta' Ta' Cenc fis-Sannat Ghawdex. L-attur jippremetti li l-bastiment konvenut kien qieghed f'diffikultajiet kbar peress li ma kien hemm hadd qed jippilotah u l-bahar kien imqalleb sew. L-attur inoltre jippremetti li r-rih kien ta' bejn forza sitta (6) u forza sebgha (7) u ghalhekk, skond l-istess attur, il-bastiment kien f'periklu li jeghreq. L-attur jallega li huwa ta' assistenza ta' salvatagg lill-bastiment u b'hekk salva l-bastiment minn gharqa certa. L-attur jallega ukoll li sabiex salva l-bastiment huwa sofra spejjes fid-dghajsa tieghu. Minhabba dan kollu l-attur jallega li huwa hu intitolat li jircievi kumpens ta' "salvage" minnghand il-konvenuti kif ukoll li jigu rifuzi lilu l-ispejjez tad-danni li huwa sofra fid-dghajsa tieghu. Inoltre l-attur jiddikjara li sar jaf li l-bastiment konvenut hu propjeta' tal-konvenut Saeed Ramadan Geddur, li hu residenti barra minn Malta. Fuq dawn il-premessi kollha l-attur qed jitlob li jigi dikjartat minn din il-Qorti li huwa intitolat ghal kumpens minhabba assistenza ta' salvatagg (salvage) u li jigi likwidat il-kumpens hekk dovut. Qed jitlob ukoll li jigi likwidat ukoll il-kumpens ghall-ispejjez u danni li sofra l-attur fil-kors tas-salvatagg in kwestjoni u li konsegwentement li l-konveniuti jigu kundannati jhallsu il-kumpens u spejjez kif likwidati.

Il-konvenuta Av. Dr. Tanya Sciberras Camilleri ghan-nom tal-bastiment involut fl-incident in kwestjoni u l-konvenut Av. Dr. Joseph Sammut nomine jeccepixxu li huma mhux edotti mill-fatti u rriservaw li jaghmlu sottomissjonijiet ohra fi stadju ulterjuri.

L-inevenut fil-kawza il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ma ha l-ebda parti attiva fil-kawza barra li ghamel ir-rikors tieghu biex jintervjeni fil-kawza. Jista jigi nnotat li f'dan ir-rikors l-istess intervenut fil-kawza jirrileva li l-bastiment konvenut fis-17 ta' Meju 1999 kien instab abbandunat, bil-magni jahdmu u nawfragat fuq il-kosta ta' Nofsinhar ta' Ghawdex. L-istess rikorrenti, l-Kmandant tal-Forzi Armati, jippretendi li kien huwa, permezz tal-impjegati u l-ingenji tal-bahar tieghu, li salva l-istess bastiment u kien

irmonkah ghall-bazi marittima tal-Forzi Armati ta' Malta f'Haywharf, Floriana.

L-istess rikorrenti jkompli jissottometti li l-attur fic-citazzjoni promotorja tieghu qatt ma allega li huwa (l-attur) kien b'xi mod imdahhal fis-salvatagg tal-bastiment in kwistjoni tant li effettivament il-bastiment kien instab abbandunat u nawfragat. L-istess rikorrenti ghalhekk talab li jintervjeni fil-kawza sabiex ikun jista' jikkawtela l-interessi tieghu peress li huwa kien ghamel u ghadu qed jaghmel l-ispejjez biex l-istess bastiment jigi salvat u konservat.

Dak li hemm dikjarat fl-imsemmi rikors tal-Kmandant tal-Forzi Armati ma jistax jitqies li hu prova pero' jista jigi ril;evat li dan il-kontenut jikkontrasta b'mod drastiku ma dawk li huma l-pretensjonijiet tal-attur. F'dawn il-proceduri l-attur ippresenta l-afidavit tieghu fejn iddikjara li fil-gurnata in kwestjoni huwa ra dgħajsa li kienet tidher li qiegħda f'diffikultà u kienet qed tipponta lejn nofsinhar f'riħ fejn ma kienx hemm art. Mar ħdejha u taha daqqa fuq in-naħa ta' wara tagħha fuq it-tmun biex ibiddlilha d-direzzjoni tagħha lejn il-blat. Imbagħad sabiex ma jħalliex id-dgħajsa titlaq, permezz ta' ganċ, huwa imbotta il-kontroll tal-ispeed tad-dgħajsa 'l isfel sabiex il-magna tibda taħdem bil-qawwa kollha tagħha u għalhekk id-dgħajsa baqgħet irrejżjata ġos-sikka. Wara mar jagħmel rapport lil-Pulizija. Ix-xhud PS John Grima (fol 89) xehed illi ġie irrapurtat fl-Għassa tar-Rabat Għawdex is-sejbien tad-dgħajsa. Ghandu jigi nnotat li fir-rapport li l-attur għamel lill-pulizija (fol 62), huwa rraporta illi d-dgħajsa kienet 'proceeding towards the land' u dan kuntrarjament għal dak li qal fl-imsemmi affidavit tieghu l-attur u cioe' li d-dgħajsa kienet sejra f'baħar miftuħ. Jirrizulta ukoll li kienu membri tal-Forzi Armati li daħħlu d-dgħajsa in kwestjoni fil-port.

"Salvage" jew "assistenza ta' salvatagg lill-bastiment" ġie definit bħala – "the voluntary saving of maritime property from danger at sea." Fil-ligi taghna dan l-istitut hu regolat mill-artikolu 343 ta' Kap.234 tal-Liġijiet ta' Malta. A bazi ta' dan l-artikolu ghandu l-ewwel jigi stabbilit jekk is-servizz

prestat mill-attur jistax jitqies bħala salvataġġ skond il-liġi ("salvage award") jew dritt ta' kumpens għas-servizz ta' assistenza prestat. (Vide - Qorti Civili, Prim Awla - 31 ta' Jannar 2003 - citazzjoni numru 2/1993/2 – "Nazzareno Zerafa vs Tabib John Portelli." In effett gie stabbilit ukoll li r-rekwiżiti ta' salvataġġ huma erbgħa (4). Fil-kawza "Marine Services Ltd vs Captain Morgan Leisure Ltd u l-Vapur Charlotte Louise." (Qorti Civili, Prim Awla - 28 ta' Frar 2001 - citazzjoni numru 2796/1997) intqal li l-ewwel rekwisit hu - "the service must be rendered to a legally recognised subject of salvage, that is to say, to vessels, their apparel, cargo and merchandise, bunkers, wreck and so called freight at risk. F'dan il-każ jirrizulta li s-servizz inghata lil dgħajsa jew bastiment u kwindi dan ir-rekwisit gie sodisfatt.

Ghar-rigward tat-tieni rekwisit – "the service must be voluntary." F'dan il-każ dan ir-rekwisit ukoll jirrizulta sodisfatt stante li dak li ghamel l-attur kien volontarju u ma kien hemm ebda obbligu legali minn naha tal-attur li jgħin lid-dgħajsa jew bastiment in kwestjoni. L-attur ma kienx kostrett li jagmel is-salvatagg u lanqas ma kien ix-xoghol tal-istess attur.li jsalva d-dghajjes. It-tielet rekwisit – "the subject of the salvage must be in danger." F'dan ir-rigward jirrizulta li l-bastiment salvat in effett kien f'periklu peress li r-riħ kien pjuttost qawwi u ma kien hemm ħadd qed jippilota d-dghajsa u inoltre il-bastiment kien sejjer fid-direzzjoni tal-bahar miftugh. L-ahhar rekwisit jirrigwarda li "the service must be successful." F'dan ir-rigward il-Qorti hi sodisfatta li s-servizz ta' salvatagg li rrenda l-attur fil-fatt wasslu biex id-dgħajsa tiġi salvata. Hu minnu illi fil-fatt kienu l-Membri tal-Forzi Armati illi eventwalment u finalment daħħlu d-dgħajsa fil-port, pero li kieku ma kienx għall-passi li ħa l-attur, id-dgħajsa kienet x'aktarx tintilef.

Għalhekk, f'din il-kawza, r-rekwiżiti kollhga meħtieġa sabiex tirnexxi l-azzjoni għal salvataġġ tal-attur jirrizultaw b'mod sufficjent. Konsegwentement jonqos biss li jiġi stabbilit il-quantum tal-kumpens jew is-"salvage award." L-espert nominat ma indikax l-ammont xieraq ta' kumpens għas-salvataġġ. L-artikolu 345(2) tal-imsemmi Kap jipprovdi li biex jigi stabbilit l-ammont jew it-tqassim ta'

salvataġġ, il-Qorti għandha tikkunsidra s-segwenti - kemm ikun inkiseb suċċess, l-isforzi u l-merti ta' min jagħmel is-salvataġġ, il-periklu li jkun għadda minnu l-bastiment salvat u l-passiġieri, l-ekwipaġġ u l-merkanzija tiegħu, il-periklu li jkun għadda minnu min jagħmel is-salvataġġ u l-bastiment tas-salvataġġ, il-ħin li ttieħed ghall-operazzjoni ta' salvatagg, l-ispejjeż li saru u t-telf li ġarrab minn ghamel is-salvatagg u r-riskji ta' responsabbiltà u riskji oħra li jittieħdu ukoll minn min għamel is-salvataġġ, kif ukoll il-valur tal-proprjetà li tkun ġiet issugrata u tal-proprjeta' savata. Konsiderazzjoni xierqa għandha ukoll tinghata lill-approprjazzjoni speċjali (jekk ikun hemm) tal-bastiment ta' min jagħmel is-salvataġġ għal finijiet ta' salvataġġ.

Jigi rilevat li ghar-rigward tal-isforzi li saru sabiex sar is-salvataġġ, l-attur ma ġibidx id-dgħajsa huwa semplicement ta' daqqa fuq it-tmun tad-dgħajsa sabiex ibiddel id-direzzjoni tagħha. Aktar tard permezz ta' ganċ l-attur irnexxielu jikkontrolla l-velocita' tad-dgħajsa. Imbagħad kienu l-membri tal-Forzi Armati li daħlu d-dgħajsa ġewwa l-port. Fir-rigward tal-ħin impjegat fl-operazzjoni, l-attur xehed illi ltaqa mad-dgħajsa ghall-habta tal-għaxra ta' filgħodu u susegwentement wasal l-art ftit qabel nofsinhar (fol.59). Ir-rapport lill-Pulizija (fol 61) sar f'nofs inhar u nofs. Kwindi ma jidhirx li l-operazzjoni damet sejra fit-tul. Lanqas ma jirriżulta li l-operazzjoni li ghamel l-attur kienet tinvolvi xi riskji straordinarji jew perikoli partikolari. In effett ma jirrizultax li l-attur jew id-dghajsa tieghu, waqt l-operazzjoni ta' salvatagg, kienu f'xi periklu. F'dan ir-rigward jigi nnotat li l-attur xehed li malli lemah il-bastiment salvat huwa mill-ewwel wasal hdejn l-istess bastiment. Hi l-opinjoni tal-Qorti li, f'dan il-kaz, il-kumpens għandu jigi stabbilit “arbitrio boni viri.”

Il-kriterji li jiddeterminaw il-quantum tal-kumpens jirrizultaw b'mod minimu u ghalhekk il-kumpens ser jigi likwidat kwantu ghal ghaxra fil mija (10%) tal-valur tad-dghajsa salvata kif stabbilit mill-espert appositament nominat. Dan l-espert ivvaluta il-valur tad-dghajsa, fil-hin li huwa esamina l-istess dghajsa fl-ammont ta sitt elef liri maltin (Lm6000) u cioe' euro tlettax il-elf disa mija u sitta u

sebghin u erba u ghoxrin centezmi (€13976.24). Ghalhekk il-kumpens xieraq u gust qed jigi likwidat fis-somma ta' euro elf tlett mija tlett mija seba u disghin u tnejn u sittin centezmu (€1397.62).

L-attur jippretendi ukoll li sofra xi ħsarat u danni fid-dgħajsa tiegħu fil-kors tal-operazzjoni ta' salvatagg. L-attur pero', f'dan ir-rigward, naqas li jipproduci provi. L-ispejjez imħallsa lill-kunsinnjatarju semmai huma parti mill-ispejjez u d-drittijiet tal-kawza u ghalhekk dawn ghandhom jigu inkluzi fit-taxxa formali. In vista ta' dak kollu li gie premess it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tiddikjara li l-attur huwa intitolat ghal kumpens minhabba l-assistenza ta' salvatagg (salvage) resa minnu lil konvenuti in solidum bejnithom. Tillikwida dan il-kumpens fis-somma ta' euro elf tlett mija u seba u disghin u tnejn u sittin centezmu (€1397.62 ) u tukkundanna lill-konvenuti, in solidum bejnithom, ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' euro elf tlett mija u seba u disghin u tnejn u sittin centezmu (€1397.62 ).

Spejjes kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------